MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 245/2004/1

**Francis Xuereb f' ismu *proprio* u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` F. X. (Garage) Co. Limited**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti,**

Fl-udjenza tal-31 ta' Mejju 2004 l-ewwel Qorti, fuq is-senjalazzjoni tar-rikorrenti, u wara li rat is-subinciz (8) ta' l-Artikolu 73 ta' l-Ordinanza tad-Dwana, iddegretat li kienet qed taderixxi mat-talba ta' l-istess rikorrent illi l-imsemmi dispost ma kienx jikkonsentixxi aggornamenti u konsegwentement l-intimat ma setghax iressaq il-provi tieghu f' dik l-udjenza;

Bl-approvazzjoni debita ta' l-ewwel Qorti fit-termini ta' l-Artikolu 229 (3) tal-Kapitolu 12 (ara digriet tat-2 ta' Gunju 2004 a fol. 48), l-intimat appella mill-precitat digriet ta' dik il-Qorti. Huwa jikkritikah fuq il-bazi ta' l-argomenti hawn sintetizzati:-

I. Id-differiment inghata minghajr ebda opposizzjoni;
II. Id-dettami ta' l-Artikolu 73 (8) tal-Kapitolu 37 mhumiex normalment applikati b' mod rigoruz;
III. Mhux gust ghalhekk li ma jithalliex iressaq il-provi tieghu;

Qabel konsiderazzjoni ta' dan l-ilment ta' l-appellanti, jixraq li jigu ri-epilogati l-fatti li johorgu mill-inkartament tal-kawza:-

(1) Ir-rikors introdott fil-5 ta' Mejju 2004 gie appuntat ghas-smiegh ghas-seduta tal-25 ta' Mejju 2004. Ara Avviz a fol. 21;

(2) F' din is-seduta (25/05/04) l-avukat difensur ta' l-intimat talbet li l-Qorti tissoprassjedi sakemm tkun definita l-procedura penali kontra r-rikorrenti. L-ewwel Qorti ma akkoljietx domanda bhal din u fil-fatt ghaddiet biex tisma' l-provi tar-rikorrenti. Provi dawn li skond kif jinghad fil-verbal tas-seduta precitata (fol. 25) gew mir-rikorrenti ezawriti dakinhar stess u l-kawza aggornata ghat-28 ta' Mejju 2004;

(3) Dejjem skond verbal ta' din l-ahhar imsemmija seduta (fol. 38) il-Qorti ordnat li l-kawza tigi differita ghall-31 ta' Mejju 2004. Dan ghamlitu, kif hekk kien xieraq li jsir, "b' sens ta' solidarjeta` mal-Kamra ta' l-Avukati";

(4) Fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2004 (ara verbal a fol. 42) l-avukat difensur tar-rikorrenti ssolleva l-punt illi l-intimati ma setghux iressqu provi. Dan fuq l-interpretazzjoni li hu ta lill-Artikolu 73 (8) tal-Kapitolu 37. Interpretazzjoni din assekondata mill-ewwel Qorti fid-digriet li issa, b' dan l-appell, qed jigi attakkat mill-intimat appellant;

Premess dan il-kwadru, m' hemmx dubbju li l-ilment ta' l-appellanti hu gustifikat anke jekk mhux necessarjament ghall-istess ragunijiet additati minnu.  Il-Qorti qed tasal ghal din il-konkluzjoni fuq zewg livelli;

Ibda biex din il-Qorti ma taqbelx ma' l-interpretazzjoni akkordata mill-partijiet lis-subinciz (8) ta' l-Artikolu 73. Artikolu dan li testwalment jipprovdi dan:-

"Il-qorti ghandha tisma' r-rikors sal-konkluzjoni gheluq hamest ijiem tax-xoghol mid-data stabbilita ghas-smigh originali tar-rikors, u ma ghandu jinghata ebda aggornament hlief jew bil-kunsens taz-zewg partijiet jew ghal raguni eccezzjonali li tigi registrata mill-qorti, u dik id-data aggornata ma tkunx iktar tard minn kemm ikun gustifikat ghal dik ir-raguni."

Fil-fehma tal-Qorti, l-imsemmija disposizzjoni, korrettement intiza, qed tippostula dan:

(1) Fl-ewwel parti taghha l-ligi qed tahseb li rikors bhal dak imressaq kellu jkun konkjuz fiz-zmien prefiss ta' hamest (5) ijiem tax-xoghol dekorribbli mid-data appuntata ghas-smigh tieghu.  Huwa intwittiv minn dan illi l-ligi ma kienetx qed teskludi l-possibilita` ta' aggornamenti tal-kawza fiz-zmien statutorju stabbilit.  Dak li johrog car mir-'ratio legis' f' din il-parti hu dak li fl-intendiment tal-legislatur, il-procedura, in kwantu ghal kompilazzjoni tal-provi u d-dibattitu dwar il-kaz, kellha tkun konkluza fi zmien hamest ijiem tax-xoghol.  Riportati allura l-fatti suesposti tal-kaz prezenti in korrispondenza ghal din il-'mens legis' huwa bil-wisq ovvju illi mid-data ta' l-appuntament tal-kawza (25 ta' Mejju 2004) sad-data tas-seduta tal-31 ta' Mejju 2004, u allura tad-digriet appellat, it-terminu ta' hamest ijiem tax-xoghol ma kienx ghadu skada.  Li jfisser allura illi l-intimat appellant kien ghadu in grad li jgib il-quddiem fiz-zmien prefiss il-provi tieghu;

(2) Huwa biss meta jkun previst li l-perijodu utili ser jinqabez illi l-ligi taghmilha projbittiva fuq il-qorti li takkorda aggornamenti li jmorru 'l hinn minn dan il-perijodu, salv, s'

intendi, il-kaz ta' l-eccezzjonijiet specifici dettati fit-tieni parti tad-dispost imsemmi;

Jekk trid din il-Qorti tista' tieqaf hawn fuq l-interpretazzjoni minnha moghtija lit-test tal-ligi. B' danakollu, f' dan il-kaz partikolari, thoss li ghandha taghmel ukoll din l-osservazzjoni agguntiva;

Il-fattispecje specjali tal-kaz prezenti qeghda fil-fatt inkontestat illi fis-seduta effettiva precedenti (25 ta' Mejju 2004) ghal dik li fiha nghata d-digriet, il-kawza kienet giet sempliciment differita mill-Qorti ghal dik is-seduta ghall-provi ta' l-intimat. Dan hu evidenti mill-kontenut tal-verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju 2004 Din l-osservazzjoni ghandha taghmilha ovvju illi ghallanqas minn dak registrat, dak id-differiment sar fuq ordni tal-Qorti u mhux ta' xi hadd mill-partijiet, u dippju ma jirrizultax illi r-rikorrenti obbjettaw ghalih. Ankorke` allura l-aggornament intalab mill-intimat kien hemm dwaru l-pjena konkordanza tar-rikorrenti, inferita logikament mill-kunsens tacitu taghhom. Dan fil-parametri ta' l-Artikolu 73 (8) tal-ligi, anke jekk wiehed kellu jiskarta l-interpretazzjoni provvduta;

Oltre dan, kif kien redatt il-verbal, kien ragonevoli li wiehed jistenna li f' dik is-seduta ma kellhiex titqajjem opposizzjoni ghall-produzzjoni tal-provi ta' l-intimat. Dan qed jinghad ghar-raguni illi f' dak il-verbal gie esplicitament dikjarat li dak id-differiment kien koncepit biex fis-seduta sussegwenti jinstemghu l-provi ta' l-intimat. Meta allura nghata d-digriet hawn impunjat dan wassal biex ippriva lill-intimat mill-opportunita` li jgib l-provi f' dik l-istess seduta ntiza ghal dak l-iskop;

Din il-Qorti tahseb li dan kien ferm irregolari anke ghaliex, fil-verita`, tammonta ghal trasgressjoni tal-principji ta' gustizzja naturali in kwantu l-intimat ma thalliex jaghmel it-trattazzjoni tieghu tal-kawza fid-data mahsuba ghal daqshekk. Kif drabi ohra rilevat "din mhix kwestjoni ta' semplici vjolazzjoni ta' forma ... imma si tratta ta' sentenza (ugwalment japplika ghal dan id-digriet) illi ma messhiex u ma setghetx legalment tinghata fic-cirkostanzi fuq imsemmija." "**Markiz Anthony Cassar Dessain *et* -vs-**

**Giovanni Pace *nomine***", Appell Civili, 4 ta' Dicembru 1964 (**Kollez. Vol. XLVIII P I p 509**);

Fuq hekk din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tiddipartixxi mill-hsieb affermat f' dan il-precedent.

Ghal motivi kollha premessi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-appell, thassar id-digriet tal-31 ta' Mejju 2004 u tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti biex hemm tinghata l-opportunita` lill-intimat li jressaq il-provi tieghu skond il-ligi. L-ispejjez ta' dan l-incident jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------